MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2012

Appell Civili Numru. 14/2008/1

**Yazan Harmoush**

**v.**

**Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern u Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors kostituzzjonali li ressaq Yazan Harmoush fis-6 ta’ Frar 2008 li jaqra hekk:

“Illi r-rikorrent huwa ta’ origini Sirjana.

“Illi fil-31 ta’ Lulju 2003, ir-rikorrent inghata *Entry Visa*, u wara nghatatlu estensjoni.

“Illi fil-21 ta’ Novembru 2003, ir-rikorrent izzewweg lil Marlene Paris, li gia` kellha tlett itfal minuri meta zzewget.

“Illi r-rikorrent kiseb l-i*status* ta’ *Expemt Person* fis-17 ta’ Marzu 2004.

“Illi fis-27 ta’ Settembru 2005, l-imsemmija Marlene Paris ipprezentat proceduri fil-Prim’Awla tal-Qorti Civili ghas-separazzjoni personali.

“Illi b'sentenza moghtija fis-27 ta’ Jannar 2006, fl-ismijiet **Marlene Paris v. Yazan Harmoush**, ippronunzjat is-separazzjoni personali bejniethom.

“Illi fl-1 ta’ Frar 2008, l-i*status* ta’ *Exempt Person* moghti lilu fis-17 ta’ Marzu 2004, gie kkancellat minn fuq il-Passaport tieghu Sirjan li jgib in-Numru 002-03-L002836, u dan minghajr ma nghatatlu ebda raguni valida, kif ukoll minghajr ma l-kaz tieghu nstema’ quddiem organu gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju u ghalhekk huwa ma kellux smiegh xieraq (Art. 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem – Kap. 319 tal-Ligijiet ta’ Malta).

“Illi fl-4 ta’ Frar 2008, ir-rikorrent inghata estensjoni ohra.

“Illi stante li t-tnehhija tal-i*status* ta’ *Exempt Person* saret minghajr ma l-kaz tieghu nstema’ quddiem organu gudizzjarju jew kwazi-gudizzjarju u minghajr ma kellu l-opportunita` li jaghti ragunijiet ghala tali tnehhija ma kellhiex issir, ir-rikorrent safa minghajr l-ebda rimedju effettiv (Art. 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja).

“Illi barra minn hekk, filwaqt li nghataw ghadd kbir ta’ sentenzi ta’ separazzjoni personali simili ghal tieghu, ma ttiehditx l-istess azzjoni li l-i*status* ta’ *Exempt Person* jigi kkancellat minn fuq il-Passaport taghhom.

“Illi dan jikkostitwixxi trattament diskriminatorju minhabba r-razza, il-post ta’ origini u t-twemmin.

“Illi r-rikorrent ilu hames snin hawn Malta u ma jridx illi jitnehha minn Malta kapricjozament, u dan peress li ma tezistix raguni valida fil-ligi biex jitnehha minn Malta. Persuni fl-istess cirkostanzi bhal tieghu ma sabux l-istess tfixkil biex jezercitaw il-jeddijiet taghhom jew biex ikomplu jgawdu tali jeddijiet.

“Illi b’rizultat ta’ din id-diskriminazzjoni, ir-rikorrent gie assoggettat ghal trattament li persuni ta’ deskrizzjoni ohra simili ma gewx suggetti ghalih, u dan bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta.

“Ghaldaqstant, ir-rikorrent jitlob bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha taghmel dawk l-ordnijiet, tohrog dawk l-atti u taghti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex twettaq jew tizgura t-twettiq tad-dispozizzjonijiet.

“(1) tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319, l-Ewwel Skeda) dwar smiegh xieraq u tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta ghar-ragunijiet fuq imfissra;

“(2) tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja li jiggarantixxi d-dritt ghal rimedju effettiv;

“(3) tal-imsemmi Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta dwar protezzjoni minn diskriminazzjoni minhabba razza, post ta’ origini, opinjonijiet politici, kulur jew fidi “li minhabba fihom persuni ta’ deskrizzjoni wahda bhal dawn ikunu suggetti ghal inkapacitajiet jew restrizzjonijiet li persuni ta’ deskrizzjoni ohra bhal dawn ma jkunux suggetti ghalihom jew ikunu moghtija privileggi jew vantaggi li ma jkunux moghtija lil persuni ta’ deskrizzjoni ohra bhal dawn”, u

“billi fost affarijiet ohra:

“(a) tiddikjara li t-tnehhija tal-i*status* ta’ *Exempt Person* lir-rikorrent kienet tikkostitwixxi trattament diskriminatorju u saret bi vjolazzjoni tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni;

"(b) tiddikjara wkoll li t-tnehhija tal-i*status* ta' *Exempt Person* lir-rikorrent tikkostitwixxi fic-cirkostanzi prezenti vjolazzjoni tal-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-dritt ghal smiegh xieraq, kif ukoll vjolazzjoni tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja dwar id-dritt ghal rimedju effettiv.

"(c) tordna li r-rikorrent ghandu jinghata lura l-i*status* ta' *Exempt Person* jew *status* ekwivalenti skont il-ligi ta' Malta in materja ta' Immigrazzjoni.

"Bl-ispejjez kontra l-intimati jew min minnhom."

Rat ir-risposta li l-intimati pprezentaw li in forza taghha eccepew illi:

"Illi fl-ewwel lok u minghajr pregudizzju, ghandu jigi rilevat li Principal Immigration Officer m'humiex il-legittimu kontradittur f'dawn il-proceduri stante li l-mansjoni tieghu fir-rigward tar-rikorrenti hu li jizgura li l-ligi, kif promulgata, tigi mwettqa;

"Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegazzjonijiet u l-pretenzjonijiet tar-rikorrenti huma kollha infondati fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

"Illi l-Artikoli li qed jillamenta minnhom ir-rikorrenti huma napplikabbli ghal kaz odjern stante li materja li tirrigwarda cittadinanza u jew materji relatati maghha, bhalma hi l-kwistjoni tal-ghoti jew le tal-i*status* ta' *exempt person* hija kwistjoni ta' dritt pubbliku u ghalhekk ma tikkwalifika bhala 'dritt jew obbligu civili' ghall-finijiet tal-istess Artikoli;

"Illi f'dan il-kuntest, l-esponenti jaghmlu riferenza ghall-kawza fl-ismijiet: **Abera Woldo Hiwot et v. Il-Professur Henry Frendo et**, Rikors Numru 25/2002/1 deciza minn din l-Onorabbli Qorti diversament preseduta fit-18 ta' Novembru 2004, fejn f'pagna 4 l-Onorabbli Qorti qalet hekk:

““Hija gurisprudenza stabbilita illi proceduri dwar tkeccija ta’ min ma huwiex cittadin tal-pajjiz, ma humiex proceduri li fihom tinghata decizjoni dwar id-drittijiet civili u ghalhekk ma intlaqtux mill-provvedimenti dwar smiegh xieraq. Din il-posizzjoni kienet ukoll kkonfermata b’decizjoni moghtija mill-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-6 ta' Frar 2003 fil-kaz: **Mamatkulov u Abdurasolovic v. Turkey**:

*“1. The Court reintegrates that decisions regarding the entry, stay and deportation of aliens do not concern the determination of an applicant’s civil rights or obligations or of a criminal charge against him, with the meaning of Article 6(1) of the Convention (Maaouia v. France);*

*“2. Consequently Article 6(1) is not applicable to the instant case.”*

“Illi dan il-punt gie deciz mill-Onorabbli Qorti Civili Prim’ Awla fil-kawza **Eddie Cachia v. Dr. Joseph Galea Debono et**, deciza fil-21 ta’ Mejju 1993 fil-konfront tal-Kummissjoni ghall-Investigazzjoni tal-Ingustizzji, fejn a fol. 13, l-istess Qorti tghid hekk:

““Il-Qorti ma tistax taqbel mas-sottomissjonijiet tar-rikorrenti li d-decizjoni jew ahjar ir-rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni tammonta ghal *determination of a right and obligation.* Il-Kummissjoni ma tiddetermina ebda dritt jew obbligu fil-konfront tac-cittadin izda tinvestiga biss jekk, indipendement minn dak id-dritt jew obbligu, l-Awtorita` kienet influwenza minn xi pregudizzju u fil-kaz, li jirrizulta dak il-pregudizzju, taghmel ir-rakkomandazzjonijiet taghha.”

“Illi l-awturi D.J Harris, M. O’Boyle & C. Warbrick jghidu li ghall-finijiet tal-Artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni:

*““An important feature of a tribunal is that it must be competent to take legally binding decisions; the capacity to make recommendations or give advice (even of normally followed) is not enough.”*

"Illi in vista tas-suespost, l-Artikoli 6 u 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja ma jistghux jitqiesu li b'xi mod huma applikabbli ghall-kaz odjern ukoll peress li f'ebda punt dan il-kaz ma jittratta *acquisition of a civil right or obligation*;

"Illi l-esponenti jichad bl-akbar qawwa li qatt mexa b'xi mod diskriminatorju fir-rigward tal-intimat;

"Illi bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti u lejn l-argument li gab hu dwar il-kazijiet li semma biex jissostanzja dak li qal fir-rigward ta' trattament diskriminatorju, apparti li r-rikorrenti ghad irid igib il-provi idoneji biex jipprova dak li qed jallega, zgur ma jistax b'ebda mod jigi milqugh minn din l-Onorabbli Qorti stante li ebda kaz m'hu identiku ghal iehor u sakemm ir-rikorrenti ma jkollux f'idejh il-fatti kollha tal-kazijiet inkwistjoni, zgur ma jistax jallega li l-esponenti mexa b'xi mod diskriminatorju fil-konfront tieghu;

"Ghaldaqstant in vista tas-suespost, l-esponenti ma jistghux jitqiesu li kisru xi dritt ghal smiegh xieraq a bazi tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39(2) jew Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni fil-konfront tar-rikorrenti u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti hija umilment mitluba sabiex tichad l-istess talbiet tar-rikorrenti kif kontenuti fir-rikors promotur bl-ispejjez kontra l-istess rikorrenti."

Rat in-nota li r-rikorrent ipprezenta fl-10 ta' Gunju 2008, li in forza taghha espona ulterjorment:

"Illi stante li r-rikorrent ilu kwazi hames snin jghix f'Malta, fejn izzewweg u issa ghandu l-gheruq tieghu, inkluz ix-xoghol tieghu, ir-rikorrent qed jinvoka wkoll l-Artikolu 8 ta' Konvenzjoni Ewropeja ghad-Drittijiet tal-Bniedem (Kap. 319 tal-Ligijiet) u jsostni li t-tnehhija tieghu minn Malta tikkostitwixxi wkoll interferenza mhux gustifikata fid-dritt tieghu ghall-privatezza u ghall-hajja tal-familja."

Rat li b'digriet tal-1 ta' Frar 2011, l-ewwel Qorti, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, stiednet lill-partijiet iqisu wkoll l-Artikolu 1 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem li jista' jkun illi jghodd ghal kaz.

Rat is-sentenza moghtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Marzu 2012, li in forza taghha ddecidiet il-kawza fis-sens li gej:

"…il-qorti taqta' l-kawża billi tgħid illi ma hemm ebda ksur tal-artt. 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u tal-artt. 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni, iżda hemm ksur tal-art. 1 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni billi ma tħarsux il-proċeduri msemmija fis-sub-paragrafi a, b u ċ tal-ewwel paragrafu ta' dak l-artikolu għat-tneħħija tal-i*status* ta' *exempt person* li kien igawdi l-attur. Tordna għalhekk illi dak l-i*status* jingħata lura lill-attur u ma jitneħħilux jekk mhux b'konsegwenza ta' proċeduri magħmula kif igħid u jrid l-art. 1 tas-Seba' Protokoll.

"Billi l-attur invoka wkoll dispożizzjonijiet tal-liġi li ma jgħoddux għall-każ, huwa xieraq illi l-ispejjeż ta' din il-kawża jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet."

Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"8. Il-fatti relevanti seħħew hekk: L-attur wasal Malta fl-aħħar ta' Awissu tal-2003 u fl-fil-21 ta' Novembru 2003 iżżewweġ lil Marlene Paris. Ingħata l-i*status* ta' *exempt person* fl-24 ta' Frar 2004 iżda fl-10 ta' Awissu 2004 id-Dipartiment taċ-Ċittadinanza kiteb lill-Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni biex igħarrfu illi l-attur ma kienx għadu joqgħod ma' martu u li għalhekk kellu jitlef l-i*status* ta' *exempt person*. Fil-fatt iż-żwieġ tal-attur kien ġie dikjarat null b'sentenza tas-26 ta' April 2007. Illum l-attur qiegħed igħix ma' familja maltija li l-membri tagħha jqisuh bħala wieħed minnhom. Għandu wkoll xogħol hawn Malta.

"9. Il-konvenuti qegħdin igħidu illi l-Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni ma huwiex kontradittur leġittimu għax "il-mansjoni tiegħu … … … hi li jiżgura li l-liġi kif promulgata tiġi mwettqa". L-attur iżda qiegħed jattakka mhux il-validità tal-liġi nfisha iżda l-mod kif din tħaddmet u, billi l-Uffiċjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni, kif qal hu stess fl-eċċezzjoni, għandu sehem fit-tħaddim u twettiq tal-liġi,

għandu jwieġeb għal dan u għalhekk huwa kontradittur leġittimu. L-eċċezzjoni ta’ nuqqas ta’ leġittimazzjoni attiva hija għalhekk miċħuda.

“10. Fil-meritu, qegħdin igħidu sew il-konvenuti illi deċiżjoni dwar materja ta’ ċittadinanza u dak li għandu x’jaqsam magħha ma hijiex “deċiżjoni dwar l-eżistenza jew l-estensjoni ta’ drittijiet jew obbligi ċivili” għall-għanijiet tal-art. 39 tal-Kostituzzjoni jew “deċiżjoni tad-drittijiet ċivili u tal-obbligi tiegħu” għall-għanijiet tal-art. 6 tal-Konvenzjoni[1].

“11. L-attur iżda jgħid, fin-nota ta’ sottomissjonijiet tiegħu, illi għandu jedd ġej minn “*status* ta’ residenza għal żmien twil” taħt ir-Regolamenti dwar *Status* ta’ Residenti li joqogħdu għal Żmien Twil (Ċittadini ta’ Pajjiżi Terzi) [L.S. 217.05]; il-konvenuti jwieġbu illi ma jissodisfax ir-rekwiżiti taħt dawk ir-regolamenti għall-ksib ta’ dak l-i*status*.

“12. Il-qorti ma tarax illi dan huwa relevanti għall-għanijiet tal-każ tallum. Ukoll jekk l-attur għandu xi jedd taħt il-L.S. 217.95, kellu jfittex rimedju taħt dik il-liġi u mhux ir-rimedju straordinarju taħt il-Kostituzzjoni jew taħt il-Konvenzjoni.

“13. Lanqas ma hemm prova illi l-attur ġarrab diskriminazzjoni bi ksur tal-art. 45 tal-Kostituzzjoni. L-attur ma ressaq ebda prova dwar dan; qal biss, fin-nota ta’ sottomissjonjiet tiegħu, illi “hu fatt magħruf li f’Malta hawn madwar 300 Sirjan”. Jekk dan hux fatt magħruf jew le hu dibattibbli, iżda ċertament ma hux magħruf jekk fost dawn is-Sirjani hemmx uħud li, għalkemm f’istess pożizzjoni legali tal-attur, ingħataw trattament differenti. Ċertament ma jistax l-attur serjament jippretendi li asserzjoni msaħħa bla ebda prova tingħata saħħa f’qorti.

“14. L-attur igħid ukoll illi kien hemm ksur tal-jedd tiegħu għar-rispett tal-ħajja privata tiegħu u tal-familja tiegħu mħares taħt l-art. 8 tal-Konvenzjoni.

---

[1] Ara <u>Maaouia *v.* Franza</u>, Q.E.D.B. 5 ta’ Ottubru 2000.

"15. L-attur infired minn martu ftit xhur wara li żżewweġ, u ż-żwieġ tiegħu ġie dikjarat null wara anqas minn erba' snin żwieġ. Illum joqgħod ma' familja maltija li laqgħetu għandha u li jaqdiha. Igħid ukoll illi jrid jiżżewweġ lil ċerta Grace Galea[2] – membru tal-familja li ospitatu – għalkemm Grace Galea ma tikkonfermax dan[3]. Jidher li jifhem u jitkellem sew bil-malti. Waqqaf soċjetà kummerċjali u jħaddem in-nies.

"16. Fil-fehma tal-qorti, il-fatti li ħarġu mix-xiehda ma jwasslux biex tista' tgħid illi l-attur għandu ħajja ta' familja hawn Malta. Huwa naturali li jkollu ħbieb u relazzjonijiet ma' persuni oħra – min ma għandux? – iżda dan ma hux biżżejjed biex jingħad illi għandu ħajja ta' familja. Kif sewwa jgħidu l-konvenuti fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħhom, il-Konvenzjoni tħares il-jedd għar-rispett tal-ħajja tal-familja, iżda ma tagħtix jedd lil dak li jkun li jistabilixxi ħajja tal-familja fit-territorju ta' stat li jagħżel hu[4].

"17. L-attur iżda jgħid illi "rabba l-għeruq" tiegħu hawn Malta, li huma elementi li jiffurmaw il-"ħajja privata" tiegħu[5], u għalhekk it-tneħħija tiegħu minn Malta jkun indħil fil-ħajja privata tiegħu bi ksur tal-art. 8 tal-Konvenzjoni.

"18. Huwa minnu illi l-attur rabba għeruq hawn Malta: jaħdem hawn u jħaddem in-nies, għamel ħbiberiji u jitkellem ukoll bil-Malti. Dan iżda ma jfissirx illi b'hekk l-istat tilef is-setgħa li jirregola l-politika tal-immigrazzjoni għall-ħarsien tal-interessi ekonomiċi tal-pajjiż. Li rridu naraw huwa jekk hemmx proporzjonalità bejn il-ħtiġijiet tal-ħarsien tal-ħajja privata tal-attur u l-mod kif l-istat inqeda bis-setgħa sovrana tiegħu li jirregola l-immigrazzjoni fil-pajjiż.

"19. Għall-għanijiet ta' dan l-eżerċizzju huwa ċertament relevanti l-fatt illi meta l-attur ħoloq dawn l-"għeruq" ġodda

---

[2] Ara x-xiehda tal-attur fis-seduta tat-2 ta' Lulju 2009, *fol.* 52.

[3] Ara x-xiehda ta' Grace Galea fis-seduta tat-2 ta' Diċembru 2008, *foll.* 21 *et seq.*

[4] Ara E.B. *v.* Franza (Q.E.D.B. 22 ta' Jannar 2008) para. 41.

[5] Ara Üner *v.* l-Olanda (Q.E.D.B. 18 ta' Ottubru 2006) para. 59; Maslov *v.* l-Awstija (Q.E.D.B. 23 ta' Ġunju 2008) para. 63; Omojudi *v.* ir-Renju Unit (Q.E.D.B. 24 ta' Novembru 2009) para. 37.

wara li nfired minn martu, ġà kien qiegħed fil-pajjiż bi ksur tal-liġi. Rajna illi, għalkemm l-attur iżżewweġ fil-21 ta' Novembru 2003, ġà fl-10 ta' Awissu 2004 – bilkemm disa' xhur wara – kien mifrud minn martu u għalhekk kellu jitlef l-i*status* ta' *exempt person*[6]. Dwar dan, il-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem, fil-każ ta' Rodrigues da Silva u Hoogkamer *v.* l-Olanda[7], qalet hekk:

*""The Court reiterates that in the context of both positive and negative obligations the State must strike a fair balance between the competing interests of the individual and of the community as a whole. However, in both contexts the State enjoys a certain margin of appreciation. Moreover, Article 8 does not entail a general obligation for a State to respect immigrants' choice of the country of their residence and to authorise family reunion in its territory. … … … Another important consideration will also be whether family life was created at a time when the persons involved were aware that the immigration status of one of them was such that the persistence of that family life within the host State would from the outset be precarious. The Court has previously held that where this is the case it is likely only to be in the most exceptional circumstances that the removal of the non-national family member will constitute a violation of Article 8 (see Mitchell v. the United Kingdom (dec.), no. 40447/98, 24 November 1998, and Ajayi and Others v. the United Kingdom (dec.), no. 27663/95, 22 June 1999)."*

"20. Fil-fehma ta' din il-qorti, fil-każ tallum ma hemmx iċ-ċirkostanzi eċċezzjonali li jwassluha biex tgħid illi l-indħil tal-istat fil-ħajja privata tal-attur kien sproporzjonat għall-għanijiet tas-setgħa tal-istat illi jirregola l-immigrazzjoni. Ir-rabtiet tal-attur ma' Malta nħolqu biss fl-2003, meta ġà kellu 28 sena[8] u meta għalhekk kien ġà rabba għeruq ukoll fil-pajjiż tal-oriġini tiegħu, u, kif rajna, dam leġittimament hawnhekk biss sa Awissu tal-2004, meta ma baqgħux jeżistu ċ-ċirkostanzi biex iżomm l-i*status* ta' *exempt person*, għalkemm dak l-i*status* tneħħielu

[6] Dok. D, *fol*. 45.
[7] 31 ta' Jannar 2006, para. 39.
[8] L-attur twieled fid-19 ta' Lulju 1975; ara *fol*. 43.

formalment fl-1 ta' Frar 2008. Ir-rabtiet tiegħu ma' Malta għalhekk ma humiex daqshekk qawwija u jseħħ nuqqas ta' proporzjonalità jekk dawk ir-rabtiet jegħelbu l-interessi leġittimi tal-istat.

"21. Il-qorti ssib għalhekk illi ma kien hemm ebda ksur tal-art. 8 tal-Konvenzjoni.

"22. Ngħaddu issa għall-kwistjoni taħt l-art. 1 tas-Seba' Protokoll li hemm mal-Konvenzjoni ["is-Seba' Protokoll"]. Dan l-artikolu ma kienx invokat mill-attur iżda l-qorti, billi dehrilha li kien relevanti għall-każ, issospendiet il-prolazzjoni tas-sentenza u stiednet lill-partijiet jagħmlu sottomissjonijiet dwaru. L-artikolu jgħid hekk:

""Salvagwardji proċedurali li għandhom x'jaqsmu mat-tkeċċija ta' frustieri

"1. Frustier li jkun b'mod leġittimu residenti fit-territorju ta' xi Stat ma għandux jiġi mkeċċi minn dak l-Istat ħlief b'konsegwenza ta' xi deċiżjoni magħmula skond il-liġi u għandu jkun permess:

"a. li jippreżenta r-raġunijiet tiegħu għaliex ma għandux jitkeċċa,

"b. li jkollu l-każ tiegħu rivedut, u

"ċ. li jkun rappreżentat għal dawn ir-raġunijiet quddiem l-awtorità kompetenti jew xi persuna jew persuni li jiġu msemmija minn dik l-awtorità.

"2. Frustier jista' jiġi mkeċċi qabel ma jwettaq id-drittijiet tiegħu taħt paragrafu 1 a, b u ċ ta' dan l-artikolu, meta dik it-tkeċċija tkun meħtieġa fl-interess tal-ordni pubbliku jew tkun imsejjsa fuq raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali."

"23. L-attur igħid li kien b'mod leġittimu residenti fit-territorju u jerġa' jistrieħ fuq l-i*status* li jgħid li għandu ta' "residenza għal żmien twil" taħt L.S. 217.05; il-konvenuti, kif rajna, jiċħdu li għandu dan l-i*status*. Il-qorti ttenni illi

jekk l-attur għandux jew le dan l-i*status* ma huwiex relevanti. Li hu relevanti hu wara li kien ingħata l-i*status* ta' *exempt person* fis-17 ta' Marzu 2004 u sakemm tneħħielu dak l-i*status* fl-1 ta' Frar 2008, jew, għallinqas, sa Awissu tal-2004, meta ma baqgħux jeżistu ċ-ċirkostanzi biex iżomm dak l-*istatus*, l-attur kien residenti b'mod leġittimu u għalhekk it-tneħħija tal-i*status* setgħet issir biss b'ħarsien ta' dak li jgħid u jrid l-art. 1 tas-Seba' Protokoll.

"24. Fil-każ tallum il-proċeduri msemmija fis-sub-paragrafi a, b u ċ tal-ewwel paragrafu tal-art. 1 tas-Seba' Protokoll ma tħarsux, u lanqas ma ntweriet xi raġuni taħt il-para. 2 għala dawk il-proċeduri setgħu ma tħarsux. It-tneħħija tal-i*status* ta' *exempt person* bla ma tħarsu dawk il-proċeduri hija għalhekk bi ksur tal-art. 1 tas-Seba' Protokoll.

"25. L-art. 1 tas-Seba' Protokoll huwa parti mil-liġi tagħna u jagħti lill-attur rimedju xieraq u effettiv. Ma hux il-każ, għalhekk, li hemm ksur ukoll tal-art. 13 tal-Konvenzjoni."

Rat ir-rikors tal-appell tal-intimati in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbu illi din il-Qorti joghogbha:

"…tirriforma s-sentenza appellata moghtija mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fis-26 ta' Marzu 2012, fil-kawza fl-ismijiet premessi, billi filwaqt illi tirrevokaha inkwantu kienet sabet ksur tal-Artikolu 1 tas-Seba' Protokoll u; u tirrevokaha wkoll inkwantu kienet ordnat lill-esponenti jirritornaw l-i*status* ta' *exempt person* lir-rikorrent u biex ma jnehhuhulux jekk mhux b'konsegwenza ta' proceduri a tenur tal-Artikolu 1 Protokoll 7; u tipprovdi minflok billi fl-ewwel lok tilqa' l-ewwel aggravju tal-esponenti billi tiddikjara li l-ewwel Onorabbli Qorti qatt ma kien imissha qajmet il-lanjanza dwar l-Artikolu 1 tal-Protokoll 7 *ex officio*; u subordinament u bla pregudizzju ghall-ewwel aggravju fil-kaz li din il-Qorti tichad dan l-ewwel aggravju tipprovdi minflok li l-Artikolu 1 tal-Protokoll 7 mhux applikabbli ghall-kaz odjern, u ghal darb'ohra bla pregudizzju ghal dan, jekk din il-Qorti se

ssib li l-Artikolu 1 tal-Protokoll 7 huwa applikabbli ghal kaz odjern tiddikjara li ma hemm ebda ksur tieghu filwaqt li tikkonfermaha fil-kumplament taghha bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra r-rikorrent appellat."

Rat ir-rikors tal-appell tar-rikorrent li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnu premessi, talab illi din il-Qorti joghgobha:

"…timmodifika billi tikkonfermaha (a) inkwantu rriteniet illi l-Ufficjal Ewlieni tal-Immigrazzjoni huwa kontradittur legittimu u ghalhekk cahdet l-eccezzjoni ta' nuqqas ta' legittimazzjoni attiva; u (b) inkwantu ddikjarat illi "hemm ksur tal-Art.1 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni billi ma tharsux il-proceduri msemmija fis-sub-paragrafi a, b u c tal-ewwel paragrafu ta' dak l-artikolu ghat-tnehhija tal-i*status* ta' *exempt person* li kien igawdi l-attur" u ordnat li dan jinghata lura lill-attur; u tirrevokaha u thassarha inkwantu ddikjarat illi "ma hemm ebda ksur tal-Art. 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u tal-Art. 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni" u tghaddi biex tilqa' t-talbiet tar-rikorrent *in toto*, bl-ispejjez kollha kontra l-intimati."

Rat ir-risposta tal-appell li ressqu l-intimati ghar-rikors tal-appell tar-rikorrenti li in forza taghha, ghar-ragunijiet minnhom premessi, issottomettu:

"…illi l-appellipprezentat mill-appellant mid-decizjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) ghandu jigi michud u s-sentenza tal-ewwel Onorabbli Qorti fir-rigward tal-Artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u l-Artikoli 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni ghandha tigi konfermata, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti."

Semghet lid-difensuri tal-partijiet;
Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat:

Illi kif jirrizulta mir-reassunt tal-fatti li ghamlet l-ewwel Qorti, ir-rikorrent, f'dawn il-proceduri, qed jilmenta mill-fatt li hekk kif iz-zwieg tieghu ma' Marlene Paris gie annullat b'sentenza tas-26 ta' April 2007, ittiehdet decizjoni li

jitnehilu l-istat ta' *exempt person* li kien inghatalu meta zzewweg lill-imsemmija Marlene Paris fil-21 ta' Novembru 2003; il-koppja kienet infirdet gudizzjarjament fis-27 ta' Jannar 2006.

Ir-rikorrent ilmenta li t-tnehhija tal-istat ta' *exempt person* sar bi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropeja u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta (nuqqas ta' smiegh xieraq), bi ksur tal-Artikolu 13 tal-Konvenzjoni Ewropeja (nuqqas ta' rimedju effettiv), u bi ksur tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni (dwar protezzjoni minn diskriminazzjoni). Ir-rikorrent zied, fil-kors tas-smiegh tal-kawza quddiem l-ewwel Qorti, li l-agir tal-Awtoritajiet sar ukoll bi ksur tal-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni (interferenza mhux gustifikata fid-dritt tieghu ghall-privatezza u ghall-hajja tal-familja), u l-ewwel Qorti dehrilha li l-ilmenti tar-rikorrenti kellha tikkunsidrahom ukoll taht l-Artikolu 1 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni (proceduri ghat-tkeccija ta' frustier).

L-ewwel Qorti cahdet bhala mhux applikabbli jew mhux pruvati l-lanjanzi tar-rikorrenti a bazi tal-artikoli tal-Konvenzjoni u tal-Kostituzzjoni li fuqhom l-istess rikorrent ibbaza l-kawza tieghu, pero` sabet li ma gietx segwita l-procedura li trid il-Konvenzjoni skont l-Artikolu 1 tas-Seba' Protokoll u ordnat ghalhekk li r-rikorrent jinghata lura l-istat ta' *exempt person* u dan ma jitnehhilux jekk mhux bi procedura li trid il-ligi.

Minn din is-sentenza appellaw iz-zewg partijiet b'kull parti tilmenta minn dawk il-partijiet tas-sentenza li jghoddu bhala decizjoni kontra l-interessi taghha.

L-intimati, fl-ewwel lok, appellaw mid-decizjoni tal-ewwel Qorti meta din issollevat hi stess kwistjoni marbuta mal-Artikolu 1 tas-Seba' Artikolu tal-Konvenzjoni, u argumentaw li l-ewwel Qorti ma kellhiex il-poter tqajjem hi stess dan l-aggravju u meta ddecidiet dik il-kwistjoni agixxiet ultra petita. Din il-Qorti ma taqbilx ma' din is-sottomissjoni, u dan peress illi f'kawza fejn qed jigi allegat ksur tad-drittijiet tal-bniedem, l-ilmenti jistghu jigu trattati taht kull aspett tal-protezzjoni li toffri l-konvenzjoni jew il-Kostituzzjoni, anke jekk aspett partikolari jkun origina

minn hsieb tal-Qorti, basta li l-Qorti tesprimi l-hsieb taghha fil-kors tas-smiegh biex taghti kull opportunita` lill-partijiet iressqu provi u jittrattaw il-materja a bazi ta' dik il-pretensjoni l-gdida. F'kawzi marbuta mad-drittijiet fundamentali tal-bniedem il-Qorti mhux tenuta timxi strettament mat-talbiet kif dedotti fir-rikors promotorju, izda tista tippermetti zieda fl-ilmenti tul il-kors tal-kawza, u anke tqajjem hi *ex officio* bazi li tahtom l-istess ilmenti jkunu jistghu jigi diskussi. Jekk Qorti thoss, ghalhekk, li, ghall-fatti li tressqu quddiema, jista' jkun li jghodd xi artikolu iehor tal-Konvenzjoni jew Kostituzzjoni, mhux sollevat mir-rikorrent, tista' hi stess tigbed l-attenzjoni tal-partijiet ghalih, biex l-istess ikun ukoll trattat fil-kawza. Id-drittijiet fundamentali tal-persuna ma ghandhomx jigu trattati bil-pezzi bukkuni, u jekk tirrizulta vjolazzjoni ghandu jinghata rimedju, u l-'vittma' ma ghandux jigi mcahhad mir-rimedju opportun ghas-semplici fatt li l-artikolu relattiv marbut mal-ksur ma jkunx gie espressament invokat minnu.

Dan l-aggravju partikolari tal-intimati qieghed, ghalhekk, jigi michud.

Ghar-rigward tal-aggravji l-ohra fuq il-meritu, din il-Qorti tara' li l-aggravji taz-zewg partijiet huma ftit jew wisq relatati. Huwa tajjeb li jinghad, sa minn dan l-istadju, li ordni ta' tnehhija kontra r-rikorrent <u>ghada ma nhargitx</u> u ma nbdewx proceduri ghat-tkeccija tieghu minn Malta. Ir-rikorrent dahal Malta b'*entry visa* valida li wara giet imgedda; meta zzewweg lil Marlene Paris inghata stat ta' *exempt person*, li jfisser li seta' jibqa' Malta minghajr htiega li tiggedidlu l-*entry visa*. Meta z-zwieg tieghu gie ddikjarat null f'April 2007, anqas minn erba' snin wara z-zwieg, dak l-istat ta' *exempt person* gie revokat, pero`, ma inhargitx *removal order* fil-konfront tieghu. Ir-rikorrent ma ghadx ghandu l-istat ta' *exempt person*, pero` dan ma jfissirx li ma jistax ikun intitolat li jibqa' Malta b'sahha ta' ligi ohra jew li jerga' jakkwista l-istat ta' *exempt person* bis-sahha ta' cirkostanza ohra. La darba r-rikorrent ghadu ma giex imkecci, la jista' jkun applikabbli ghal kaz tieghu l-Artikolu 1 tas-Seba' Protokoll u lanqas l-Artikoli 8 u 13 tal-Konvenzjoni. L-Artikolu 1 tas-Seba' Protokoll japplika biss

meta frustier se jkun 'mkecci' mill-istat li jkun fih, li mhux il-kaz in ezami. It-tnehhija ta' stat ta' *exempt person* mhix ekwivalenti ghal decizjoni dwar tkeccija ghas-semplici raguni li meta persuna titnehhilha dan l-istat, hemm process legali iehor li jrid jigi segwit qabel ma jitkecca mill-pajjiz, u ghamlet hazin l-ewwel Qorti li ekwiparat decizjoni dwar tkeccija ma' decizjoni dwar tnehhija ta' *exempt person status*. Il-kelma 'imkecci', jew *'expulsion'* fil-verzjoni Ingliza, hi cara li tirreferi biss ghal kaz li persuna residenti f'pajjiz tkun se titnehha mill-istess pajjiz, u l-artikolu jelenka kif u meta ghandha issir dik it-tnehhija. Kif jghidu l-awturi Van Dijk et fil-ktieb "Theory and Practice of the European Convention on Human Rights" (4th Edit. 2006, pagna 966):

*"…the phrase 'expulsion' must be considered as an autonomous concept, indipendent of any domestic definition. It refers to any measure compelling the departure of an alien from the territory except extradition."*

Bl-ebda mod ma jista' jinghad li r-rikorrent, f'dan l-istadju, gie mgieghel jitlaq minn Malta.

Lanqas ma jistghu jitqiesu applikabbli l-Artikoli 8 u 13 tal-Konvenzjoni peress li, sa issa, l-istat ma ha ebda pass li b'xi mod ifixkel il-hajja privata jew familjari tieghu. L-istat ma kellu ebda sehem fil-proceduri ta' firda personali minn ma' martu u f'dawk li waslu ghall-annullament taz-zwieg tieghu, u l-istat kull ma ghamel kien li rreagixxa ghal dawk il-procedimenti billi rrevoka l-privileggi li kienu inghatawlu bazati fuq iz-zwieg tieghu ma' mara Maltija. Issa, la darba gie deciz li dak iz-zwieg kien wiehed null, ma tistax tibqa' in vigore ezenzjoni li l-bazi taghha spicca ghax qatt ma ezista. Dan ma jfissirx, kif inghad, li r-rikorrent gie 'mkecci' minn Malta, ghax frustier jista' jinghata *resident permit* fuq diversi ragunijiet. Li sehh sa issa hu li r-rikorrent tnehhilu l-istat ta' *exempt person*, pero`, ma jirrizultax li gie ristrett fil-moviment tieghu f'Malta jew li gie ristrett fil-post fejn huwa jirrisjedi. Kif osservat l-Assistant Director Citizenship and Exportriate Affairs meta xehdet quddiem l-ewwel Qorti, ir-rikorrent lanqas ma applika ghal *'resident's permit under another title',* u kwindi, la darba r-rikorrent ghad jista' jithalla jibqa Malta minhabba raguni

ohra (ezempju, impieg) ma jistax jinghad li sar indhil fil-hajja familjari tieghu.

Din il-Qorti, fil-kawza **Hasan Hasan et v. Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni**, deciza fit-2 ta' Marzu 2010, f'kaz ta' koppja li rrizulta li kienu *de facto* separati wkoll ikkonkludiet li ma kien hemm ebda ksur tal-Artikolu 8 fil-konfront ta' ragel meta dan tnehhilu l-*freedom of movement*. Il-Qorti anzi qalet b'mod car u espress li meta tnehha lir-rikorrent l-i*status* ta' *exempt person* mill-passaport tieghu, *"b'ebda tigbid ta' immaginazzjoni ma jista' jinghad li dan il-fatt per se jammonta ghal lezjoni tad-dritt tutelat bl-Artikolu 8 tal-Konvenzjoni".* Kif kompliet tghid din il-Qorti, bit-tnehhija tal-istat ta' *exempt person*, jew wara tali tnehhija, ma jsegwix li r-rikorrent ma thalliex jidhol Malta fuq visa jew ma thalliex jahdem.

Anke jekk it-tnehhija tal-istat ta' *exempt person* tista' titqies ekwivalenti ghal *removal order*, li m'hijiex, kontra tali ordni, u qabel ma tigi invokata xi ligi extraordinarja, ir-rikorrenti jrid jezawrixxi r-rimedji ordinarji li tipprovdi l-ligi, u cioe`, appell ghal quddiem il-Bord tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni (imwaqqaf taht l-Att dwar l-Immigrazzjoni, Kap. 217 tal-Ligijiet ta' Malta), u appell fuq punt ta' dritt quddiem il-Qorti tal-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri), fit-terminu tal-Artikolu 25A tal-imsemmi Att. Ir-rikorrent ma jistax, allura, jilmenta li jekk jitkecca, kontra tali ordni ma ghandux rimedju effettiv.

Ghar-rigward tal-ilment tar-rikorrent li l-ordni ta' tnehhija tal-istat ta' *exempt person* saret bi ksur tal-Art. 6 tal-Konvenzjoni u Art. 39 tal-Kostituzzjoni, din il-Qorti ma tarax li dawn l-artikoli huma applikabbli ghal kaz, ghax hawn non si tratta minn decizjoni dwar l-ezistenza jew l-estenzjoni ta' drittijiet jew obbligi civili (ara **Mabrouk Louay v. L-Onorevoli Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern**, deciza minn din il-Qorti fil-25 ta' Mejju 2012, u **Hiwot et v. Il-Professur Dr. Henry Frendo**, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) fit-18 ta' Novembru 2004). It-tilwima ta' bejn il-partijiet tikkoncerna d-dritt pretiz mir-rikorrent li jzomm l-istat ta' *exempt person* tieghu li huwa akkwista

permezz ta’ registrazzjoni wara li zzewweg lil cittadina Maltija. Din il-Qorti hi tal-fehma li dan l-akkwist u t-tnehhija hi min-natura taghha materja ta’ dritt pubbliku. Jista’ jkun li din it-tnehhija ‘tincidi’ fuq xi dritt civili tieghu, izda biex ikun applikati dawn l-artikoli, it-tilwima trid tkun dwar determinazzjoni ta’ dak id-dritt civili. Kif inghad, it-tnehhija tal-istat ta’ *exempt person* anqas tista’ titqies bhala ekwivalenti ghat-tnehhija tal-individwu minn Malta, u ghalhekk anqas tista’ titqies bhala indirettament determinanti ta’ xi dritt tar-rikorrent li jahdem jew jifforma familja f’Malta.

Id-decizjoni hija wahda amministrattiva soggetta ghal stharrig taht l-Artikolu 469A tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili, li fil-paragrafu (1)(b) taghha hi wiesgha bizzejjed biex tkopri kull ilment li jolqot agir tal-Awtorita` allegatament abbuziv. Ir-rikorrent, per ezempju, jilmenta li dan l-istat tnehhielu meta ma kellux smiegh xieraq, jew agir deskriminatorju, izda l-Artikolu 469A(1)(b)(ii) u (iii) jipprovdi espressament ghal stharrig fuq dawn l-ilmenti, apparti li fuq l-allegat diskriminazzjoni ma ngabet ebda prova affattu. Din il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjoni tar-rikorrenti li l-principji ta’ gustizzja naturali joffru ‘kejl qasir hafna’, peress li, kif zviluppat fid-dritt amministrattiv, il-principju *audi alteram partem* hu wiesgha bizzejjed biex ikopri dritt ta’ smiegh xieraq in kawtela tad-drittijiet kollha legittimi ta' kull persuna involuta. Ir-rimarka tad-difensur tar-rikorrent, waqt it-trattazzjoni tal-kaz quddiem din il-Qorti, illi “jiena irrid *a human right action*”, lanqas biss ghandha titqies minn din il-Qorti, ghax jekk individwu li jallega li gie mwegga’ b’decizjoni ta’ xi awtorita` governattiva jonqos li juzufruwixxi mir-rimedji li taghtih il-ligi ordinarja, ma jistax wara jilmenta li nkisirlu xi dritt fundamentali, ghax ghal dik l-allegata ‘weggha’ kellu rimedju ordinarju disponibbli.

Jibqa l-fatt li, biex il-Qorti tigbor fil-qosor il-konkluzjonijiet taghha, li t-tnehhija tal-istat ta’ *exempt person* lir-rikorrent ma twassalx ghad-determinazzjoni tad-drittijiet civili tar-rikorrent (kwindi l-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni u l-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni mhux applikabbli), m’hijiex ordni li ghaliha ma hemmx rimedju effettiv (kwindi l-Artikolu 13 tal-

Konvenzjoni mhux applikabbli), hija ordni li setghet giet kontestata f'fora alternattivi, l-allegazzjoni ta' diskriminazzjoni ma gietx ippruvata u ghalhekk ma gietx ippruvata l-allegata vjolazzjoni tal-Artikolu 45 tal-Kostituzzjoni, u la ma hijiex ekwivalenti ghal tkeccija, ma jistax jinghad li saret xi interferenza fi dritt ghal privatezza jew ghal familja tar-rikorrent (Artikolu 8 tal-Konvenzjoni) u lanqas ma hu applikabbli ghal dak l-agir l-Artikolu 1 tas-Seba' Protokoll.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi tiddisponi mill-appell interpost mir-rikorrent Yazan Harmoush billi tichad l-istess u tiddisponi mill-appell tal-Vici Prim Ministru u Ministru ghall-Gustizzja u l-Intern u tal-Ufficjal Principali tal-Immigrazzjoni billi tilqa' l-istess u tirriforma s-sentenza tal-ewwel Qorti billi tikkonfermaha fejn sabet illi ma hemm ebda ksur tal-Artikoli 39 u 45 tal-Kostituzzjoni u tal-Artikoli 6, 8 u 13 tal-Konvenzjoni, izda tirrevokaha fejn sabet illi hemm ksur tal-Artikolu 1 tas-Seba' Protokoll tal-Konvenzjoni u tat rimedju minhabba dan il-ksur, u minflok issib li dan l-artikolu mhux applikabbli ghal kaz, u tghaddi ghalhekk biex tichad it-talbiet tar-rikorrenti anke a bazi ta' dan l-artikolu, u b'hekk tichad *in toto* u taht kull aspett it-talbiet tar-rikorrenti.

L-ispejjez kollha tal-kawza, inkluz dawk in prim istanza, jithallsu mir-rikorrent Yazan Harmoush.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------